Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Martin E Bayliss)

vs

Clive Tong

Illum 26 ta’ Ottubru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Clive Tong, iben missier mhux maghruf u Dhalia Maria Tong, imwieled San Giljan fil-25 ta’ Awissu, 1978 u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 506278(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar is-Sibt, u cioe’ t-3 ta’ Ottubru, 1998, xi hin bejn is-2.00a.m. u t-3.00a.m. fil-fond bl-isem ta’ Funky Mushroom, ex-Kaos, li jinsab Triq Wilga, Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, u cioe’ dik ta’ Anton Baldacchino minn H’Attard, billi tah

daqqa ta' tazza f'wiccu, u ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat it-Tabiba Dr. Marie Klaire Farrugia M.D. tal-isptar San Luqa, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza kellu f'idu tazza li giet uzata bhala arma irregolari, sabiex gie imsawwat biha Anton Baldacchino, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 64 u 65 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'xi mod iehor, u dan kollu bi ksur ta' l-Aritkolu 338(m), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali tad-29 ta' Novembru, 1999 li permezz taghha deherlu illi tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub

(a) fl-Artikoli 216, 217, 218 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-3 ta' Ottubru tan-1998 ghall-habta tal-4.15a.m. sar rapport lill-pulizija minn certu Anton Baldacchino illi allega li kien qala daqqa ta' tazza tal-birra f'wiccu waqt illi kien qieghed fil-bar Funky Mushroom f'Wilga Street, San Giljan.

Illi fuq il-post kienu telghu PS772 Dennis Agius, PC 1512 Robert Fava u PC52 Emanuel Agius illi kienu arrestaw lill-imputat fuq imsemmi wara li Anton Baldacchino kien indikahulhom bhala l-persuna li kienet tatu d-daqqa ta' tazza f'wiccu u ghamlitlu griehi illi gew iccertifikati mit-tobba ta' San Luqa bhala ta' natura gravi.

Illi l-Ufficjal Prosekutur, dak iz-zmien Spettur Martin Bayliss kien tkellem mal-imputat u skond hu l-imputat kien qallu illi

Anton Baldacchino kien qala xi inkwiet fil-Funky Mushroom Bar fejn l-istess imputat kien il-barman. L-Ispettur Bayliss xehed illi Anton Baldacchino kien qallu illi l-imputat kien kisser xi toilet kif ukoll xi ghamara illi kien hemm fit-toilet tal-istess bar. L-Ispettur Martin Bayliss kien tkellem mal-imputat wara li kien tah is-solita twissija u giet rilaxxjata stqarrija mill-imputat. Illi l-imputat kien ghazel illi ma jiffirmax din l-istqarrija. L-imputat gie mistoqsi dwar incident li kien inqala fit-3 ta' Ottubru, 1998 f'xi hin filghaxija fil-post fejn kien jahdem hu u f'liema incident kien spicca korrut guvni. L-imputat wiegeb illi jiftakar dan l-incident illi gara xi hin wara nofs il-lejl, ezatt, ezatt il-hin ma jiftakarx u huwa kien qieghed xoghol fil-bar tieghu. F'hin minnhom giet persuna fuqu u qaltlu li kellu t-toilet imkisser u din il-persuna urietu guvni u qaltlu li kien dan il-guvni li kien kissirlu t-toilet. L-imputat fl-istqarrija tieghu kompla jghid illi mar fuq dan il-guvni u qallu, "Inti kissirtuli t-toilet, veru?" U dan wiegbu li huwa kien kissru u bhal speci beda jitmellah bih u kien f'dak il-hin illi inqala argument bejn l-imputat u bejn il-guvni. L-imputat kompla jispjega fl-istqarrija tieghu illi l-glieda kien bdiha hu billi ta lil dan il-guvni daqqa ta' ponn f'wiccu. Il-guvni beda jipprova jirribatti mid-daqqiet illi beda jaghtih hu. Fil-frattemp intervjenew xi nies li kienu fil-bar u ferquhom. Umbaghad hargu lil dan il-guvni barra mill-bar u xi siegha jew siegha u nofs wara l-imputat stqarr illi

huwa niezel jaghmel rapport l-ghassa dwar dak illi kien gara. L-imputat gie muri sett ritratti tal-persuni u ikkonferma li din il-persuna kienet dak il-guvni li kellu xi jghid mieghu dakinhar kif spjegat. Huwa gie mistoqsi dwar il-farret illi kien jidher fir-ritratti fuq wicc dan il-guvni u l-imputat wiegeb billi qal illi ma kienx hu illi illi kien ta daqqa ta' tazza f'wicc dan il-guvni u b'hekk ikkagunnalu dan il-ferret f'wiccu. Qal illi huwa tah bil-ponn u b'xejn aktar. Mistoqsi jekk dan il-guvni meta kien qieghed jallega li kien l-imputat li kissirlu t-tazza f'wiccu kienx qieghed jigdeb jew le, l-imputat wiegeb iva dan qieghed jigdeb. Mistoqsi min kien kissirlu t-tazza f'wiccu, l-imputat qal ma nafx min u li ma ra lil hadd jaghtih lil dan il-guvni. Mistoqsi jekk qabel ma tah id-daqqa ta' ponn f'wiccu, wara li kompla jaghtih jekk rax xi demm f'wicc dan il-guvni, l-imputat wiegeb li ma deherlux li kien ralu xi demm f'wiccu. Mistoqsi jispjega kif seta garrab dan il-farret f'wiccu dan il-guvni, l-imputat qal forsi habat wiccu ma xi musmar u qal ukoll li dan il-guvni waqa fl-art kif huwa beda jaghtih.

Illi gew esebiti c-certifikati medici illi juru illi effettivament Anton Baldacchino dakinhar tal-incident kien garrab feriti ta' natura gravi.

Illi xehed PC52 Emanuel Agius u qal illi dakinhar tal-incident kien night watch Paceville u ghall-habta ta' xi 2.30a.m. kienu ircevew messagg sabiex imorru l-Chaos Bar, li illum il-gurnata ghandu l-isem Funky Mushroom peress li f'dan il-hanut kienet inqalghet xi glieda. Huwa mar hemm hekk flimkien ma PC1575 u ma Surgent. Dak il-hin li nizlu ma raw xejn. Qaghdu jistennew barra u raw karozza nizla minn Wilga Street Paceville fid-direzzjoni tal-hanut. Waqfet quddiem il-hanut u sid il-karozza fetah il-bonnet tal-karozza, ha xi haga mill-bonnet u dahal jigri fil-hanut. Dak il-hin huwa mar jigri warajh u sab illi dan il-ragel kien jismu Anton Baldacchino illi allegatament kien ghadu kif qala daqqa ta' tazza f'wiccu f'dan il-bar. Ix-xhud kompla jghid illi Baldacchino kellu hadida f'idejh, hu hadhielu minn idejh u semghu jistaqsi ghal certu wiehed Tong. Dak il-hin il-pulizija kalmaw is-sitwazzjoni u kellmu lil barman li qalilhom li l-imputat kien telaq minn fuq il-post. Huma qalu lill-barman sabiex meta jara lill-imputat jghidlu biex jinzel l-ghassa ta' San Giljan u fil-fatt xi hin wara l-imputat kien mar fl-ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud kompla jghid li kien Baldacchino illi kien ghamel ir-rapport l-ghassa u kien anke gab certifikati medici fl-ghassa ta' San Giljan.

Illi xehed PS772 Dennis Agius illi ikkonferma x-xhieda illi ta PC52 Emanuel Agius u kompla jghid illi meta dahlu fil-bar

huma kienu kellmu lil Lukan Borg illi kien qalilhom illi l-persuna li kienet tat d-daqqa lil Anton Baldacchino kien l-imputat odjern.  Ix-xhud kompla jghid illi hin minnhom semgha lill-imputat jghid lis-Surgent PS778 David Sant illi kien ipprova jiddefendi lilu iniffsu billi iwaqqaf lil Anton Baldacchino milli jkompli jkisser il-post, anzi t-toilet tal-post.

Illi xehed PC1575 Robert Fava illi ikkollabora x-xhieda illi taw shabu u qal illi meta dahlu fil-bar kienu kellmu lil certu Lukan Borg li kien wara l-bar u dan kien qalilhom li inqala incident fil-bar ma Baldacchino peress li kien kissrilhom xi toilets.  Huma staqsew lil Lukan jekk kienx veru li kien hemm xi hadd li kien aggredixxa lil Baldacchino?  Lukan wiegeb fl-affermattiv u qal illi min kien ta d-daqqa lil Baldacchino ma kienx fil-bar dak il-hin.

Illi xehdet id-Dottoressa Marie Claire Farrugia u ikkonfermat illi kienet hija li kienet irrilaxxat ic-certifikat mediku d-Dokument MB2.  Ikkonfermat li kienet ezaminat lil Anthony Baldacchino u sabet illi kien qed isofri minn griehi ta’ natura gravi peress illi kellu qatgha fuq wiccu.  Hija xehdet illi l-ferita kienet nadifa u allura probabbilment giet ikkagunata b’xi strument li jaqta li seta kien xi hgiega.

Illi xehed Anton Baldacchino u qal li kien inqala incident fil-Chaos Bar f'Pacevilli fit-3 ta' Ottubru, 1998. Huwa xehed illi kien ilu hemm hekk xi saghtejn qabel ma inqala dan l-incident. Kien qieghed jiehu drink mal-hbieb tieghu u wahda mill-hbieb tieghu inzertat it-tfajla tal-imputat li jisimha Cristina Mangion. Anton Baldacchino kompla jixhed illi huwa dam ikellem lil Cristina Mangion kwarta jew forsi anke xi nofs siegha. Wara li kien ilu xi saghtejn fil-bar kien gie fuqu l-imputat u kien qallu, "Inti kissirt kull ma hemm fuq fil-bar?" Baldacchino xehed illi huwa ma ammetta xejn mal-imputat ghaliex huwa ma jaghmilx dawn l-affarijiet. Huwa kompla jixhed illi f'hin minnhom l-imputat gie fuqu b'tazza kbira tal-pinta tal-birra u tefghahielu f'wiccu. Huwa imbotta lill-imputat u zammewh. Baldacchino kompla jixhed illi t-tazza kienet ghadha imkissra f'idejn l-imputat li kien ser jerga jigi jaghtih daqqa ohra f'wiccu, pero' dan ma garax. Baldacchino kompla jixhed illi mieghu kien hemm hafna nies fosthom habib tieghu Yan Spiteri li huwa tabib u David Bonnici.

Illi ta' min jghid illi Anton Baldacchino qatt ma rega' gie rintraccat mill-pulizija sabiex isirlu l-kontro-ezami u qatt ma ta l-indirizzi ta' dawn in-nies illi semma cioe' Yan Spiteri u David Bonnici, liema persuni ghaldaqstant qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri.

Illi xehdet Christina Mangion illi qalet illi tigi l-gharusa tal-imputat. Xehdet illi dakinhar in kwistjoni hija kienet fil-Chaos Bar qeghda titkellem ma habiba taghha, dahal Anton Baldacchino li huwa wkoll habib taghha peress li ilha tafu zmien twil. Gie fuqha biex ikellimha u qalet li beda qisu jaqbad maghha u jghidilha, “Let us make him jealous”. Mangion xehdet illi hija qalet lil Baldacchino biex ihalliha bi kwieta, pero’ kompliet tkellmu ftit. Umbaghad gie l-imputat hdejha. Daret biex titkellem mal-imputat u Baldacchino telaq. Telaq minn hdejha pero’ baqa fil-bar. Mangion kompliet tixhed illi hija rat il-glieda, pero’ mill-boghod. Hija qalet illi l-glieda kienet wara l-bar u hija kienet xi ghaxar metri boghod mill-bar u dakinhar kien hemm hafna nies fil-bar u ghaldaqstant la rat demm fuq il-wicc ta’ Anton Baldacchino u lanqas f’wicc l-imputat. Mangion kompliet tixhed illi meta Anton beda jaqbad maghha l-imputat ma setax jisma dak li kien qieghed jinghad, seta jara biss. Hija xehdet ukoll illi meta l-imputat gie fuqha u Anton kien ghadu hdejha l-imputat kellem lil Anton b’mod normali u ma kien hemm l-ebda glied dak il-hin.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi lil Anton Baldacchino kien ilu jafu ghal xi zmien. Huwa dakinhar tal-incident kien dahal fil-bar u huwa jigifieri l-imputat kien

qieghed wara l-bar iservi lin-nies.  Huwa xehed illi meta dahal fil-bar Anton Baldacchino deher li kien fis-sakra u beda jaqbad ma xi nies.  Kien hemm 'customer' mal-bar u qal lill-imputat illi Baldacchino kien fitt.  Wara ftit l-imputat xehed illi ra lil Baldacchino ikellem lit-tfajla tieghu Christina Mangion.  Ghall-ewwel ma tax kaz peress li kien jaf li Baldacchino kien jaf lit-tfajla tieghu, pero' umbaghad raha bdiet tiddejjaq, bdiet tqarras wiccha u ghalhekk mar hdejha. U kif mar hdejha dejjem skond l-imputat Baldacchino telaq mal-ewwel.  Meta mar hdejnha jigifieri hdejn Mangion l-imputat kompla jixhed illi lil Anton ma kellmux u lanqas hu ma kellmu imma telaq mal-ewwel.  Il-bar kien mimli bin-nies u kien hemm hafna storbju bil-muzika ghaddejja full blast. L-imputat xehed illi kien biss wara li inqala l-incident illi Christina kienet qaltlu illi Anton dakinhar kien ipprova jaqbad maghha.  L-imputat kompla jixhed illi huwa kien irritorna wara l-bar u kien mar fuqu Mark Pisani, habib tieghu u qallu li xi hadd kien qieghed ikisser it-toilet fuq. Huwa tela fuq u ra li t-toilet kien disastru, kien hemm mejda imkissra, sink, it-toilet maqlugh minn postu u ried ikun jaf min ghamel dik l-istragi.  Pisani qallu li kien jaf min kien responsabbli.  Dak il-hin l-imputat qal li kien irrabbjat hafna u wara sar jaf illi l-hsarat kienu ser jiswew madwar erba mija jew hames mitt lira.  L-imputat qal li kien irrabjat hafna, nizel isfel u insista ma Mark Pisani illi jghidlu min kien

ghamel din il-hsara.  Pisani kien ipponta fid-direzzjoni ta' Anton Baldacchino illi dak il-hin kien qieghed wara l-bar iddejjaq lil barman l-iehor.  L-imputat kompla jixhed illi dahal wara l-bar, mar fuq Anton Baldacchino u staqsih jekk veru kienx kissrilhom it-toilet u qal illi Baldacchino qallu, "iva trid tghid xi haga" u gholla spallejh.  L-imputat kompla jixhed illi Baldacchino kien gej qisu biex jerfa jdejh fuqu, mexa lejh u gholla jdejh fuq, huwa imbuttah u bdiet il-glieda.  L-imputat xehed illi huwa u Baldacchino biss kienu involuti f'dih il-glieda u li meta sehhet il-glieda l-imputat ma kellu xejn f'idejh.  Cahad kategorikament illi f'idejh kellu xi tazza tal-pinta tal-birra tal-hgieg.  Pero' qal illi waqt il-glieda f'hin minnhom hu u Baldacchino t-tnejn li huma waqghu mal-art u seta kien illi kien hemm xi haga mal-art u effettivament huwa kien ra hgieg fl-art.  L-imputat xehed illi kien hemm hafna nies fil-bar u jista jkun illi kienet waqghet xi tazza li tkun inkissret mal-art.  L-imputat kompla jixhed illi Wayne Borg u Lukan Borg, hbieb tieghu gew jiffirduhom.  Pero' Baldacchino baqa fil-bar, baqa joffendih u jiccallingah ghall-glied.  Umbaghad harguh 'il barra.  L-imputat kompla jixhed illi huwa kien irrabbjat hafna u ghalhekk hareg biex jimxi biex jikkalma ftit.  Umbaghad cemplulu u qalulu li l-pulizija riedu ikellmuh.  Qallulu wkoll illi Baldacchino kien rega irritorna fil-bar.  L-imputat kompla jixhed illi mar l-ghassa ukoll sabiex jaghmel ir-rapport tieghu.  Huwa xehed

illi l-hsara fit-toilet kienet tammonta ghal bejn erba mija u hames mitt lira Maltin. Kompla jixhed illi gimghatejn wara kien ra lil Anton Baldacchino f'party u hemm hekk f'dan il-party Baldacchino kien rega beda jipprovokah u jghajjru pufta u jiccallingah ghall-glied, pero' dakinhar kien injorah u kien telaq 'il barra. L-imputat ikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu u cioe' li kien ta xi daqtejn ta' ponn f'wicc Baldacchino dakinhar tal-incident, pero' huwa qal illi crieket f'idejh dakinhar ma kellux. Huwa xehed illi dakinhar qabel il-glieda ma kellux demm f'wiccu Baldacchino, pero' wara l-glieda kien ra demm f'wicc Anton Baldacchino. L-imputat qal illi kien ta lill-Ispettur Martin Bayliss stima tal-hsarat illi kellu fit-toilet tal-bar u xehed ukoll illi sa dakinhar illi xehed jigifieri sal-1 ta' Marzu tas-sena 2000 huwa kien ghadu ma talabx lill-pulizija sabiex tiehu passi kontra Anton Baldacchino tal-hsarat li kien ikkaggunalu fit-toilets tal-bar.

Illi xehed Lukan Borg illi qal illi dakinhar tal-incident huwa kien prezenti fil-bar u ra lil Anton Baldacchino. Qal li dan ma bediex jikkomporta ruhu b'mod normali. Beda jigri minn post ghall-iehor u ghalih kien ovvju illi Baldacchino kien xorob u dana peress illi semghu jghajjat iktar mis-soltu u xtaq ikun ic-centru tal-attenzjoni. Borg kompla jixhed illi sussegwentement jiftakar illi ra lil Anton Baldacchino niezel isfel mit-toilet, iltaqa mal-imputat u rahom jitkellmu wara l-

bar. Umbaghad gara xi haga u wara argument bejn Baldacchino u l-imputat rahom jimbuttaw lil xulxin u f'daqqa wahda qabdu jaghtu. Borg ma setax jghid min kien l-ewwel illi beda l-argument, min kien ta l-ewwel daqqa. Huwa xehed illi ma ra l-ebda oggett f'idejn la l-imputat u lanqas Baldacchino. Xehed ukoll illi hu u diversi nies ohrajn kienu interrompew il-glieda billi firdu lill-imputat u lil Anton Baldacchino. Kompla jixhed illi Anton Baldacchino dak il-hin ma qal xejn, pero' irrifjuta li jitlaq mill-bar u kellhom ikunu tlett irgiel biex harguh mill-bar. Borg ammetta li dakinhar kien hemm hafna nies fil-bar, ammetta wkoll illi d-dawl fil-bar ma kienx qawwi. Huwa qal illi dak il-hin tal-glieda l-imputat kellu dahru lejh. Huwa xehed li ma ralu xejn f'idejh dak il-hin u dan mhux ghaliex ralu idejh vojta, imma ghaliex dak il-hin ma ra xejn f'idejn l-imputat.

Illi xehed PS778 David Sant illi qal illi dakinhar tal-incident kien stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan. Qal illi kien gie Anton Baldacchino jaghmel ir-rapport l-ghassa dwar dak illi kien gara. Huwa kien baghad ghal Clive Tong illi gharfu bhala l-imputat u xehed illi l-imputat kien ammetta mieghu illi huwa kien verament ta daqqa bil-mug tal-pinta tal-birra lil Anton Baldacchino. PS778 xehed ukoll illi Baldacchino ammetta mieghu illi kien kisser it-toilets dakinhar fil-bar. Ix-xhud kompla jghid illi meta staqsa lill-imputat ghalfejn kien

ta daqqa bil-mug tal-pinta tal-birra f'wicc Baldacchino, l-imputat wiegbu li kien ghamel hekk peress illi Baldacchino kien kissirlu t-toilet tal-bar.

Illi xehed Mark Pisani li wkoll kien fil-bar dakinhar tal-incident u qal illi ra zewg guvintur ikissru t-toilet tal-bar. Qal li dawn kienu fis-sakra. Huwa ma dahalx fit-toilet u nizel 'l isfel u sab lill-imputat u qallu b'dak li kien qieghed jigri fuq. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat kien irrabbjat hafna. Ghaxar minuti wara x-xhud ra wiehed minn dawn l-irgiel u qal b'dan lill-imputat. Skond ix-xhud l-imputat mar ikellem lil dan ir-ragel li mill-ewwel ha lill-imputat bl-herra u effettivament huwa qal li ra lil dan ir-ragel jgholli jdejh ma wicc l-imputat u qal illi l-imputat beda jiggieled ma dan ir-ragel. Ix-xhud kompla jghid illi waqt li bdew jiggieldu waqghu t-tazzi minn mal-bar fl-art. Ferquhom u hargu lil dak ir-ragel barra mill-bar u ghaxar minuti wara dak ir-ragel rega dahal fil-bar b'jack ta' karozza f'idejh. Marru erba' irgiel fuqu u harguh barra mill-bar. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat meta inqalghet il-glieda ma kellu xejn f'idejh.

Illi xehed Wayne Borg illi wkoll kien fil-bar dakinhar li inqala l-incident. F'hin minnhom ra lil Anton Baldacchino diehel fil-bar. Dak il-hin ix-xhud kien qieghed iservi fil-bar. Ix-xhud xehed illi Anton Baldacchino beda jitfalu l-ice cubes

biex jattiralu l-attenzjoni sabiex jaghmillu drink. Ix-xhud qal illi baqa iservi lill-klijenti u kellu hafna x'jaghmel. Pero' Anton Baldacchino baqa jinsisti li iservih u finalment servih. Ix-xhud kompla jispjega illi Baldacchino ried tazza twila li huwa ma setax jaghtih peress illi t-tazzi twal kienu kollha mahmugin u ma setax jieqaf u jahsel it-tazzi peress li kien hemm hafna nies fil-bar. F'hin minnhom ix-xhud qal illi ra lill-imputat u lil Anton Baldacchino jitkellmu. Zewg minuti wara rega dawwar wiccu u rahom t-tnejn mal-art qeghdin jiggieldu. Dak il-hin ma kienx jaf fuq x'hiex kien inqala l-incident. Ix-xhud kompla jghid li meta Clive kien qieghed ikellem lil Anton Baldacchino kien boghod minnu madwar hames metri u ma setax jisma dak li kien qieghed jinghad. Pero' kien cert illi l-imputat ma kellu xejn f'idejh meta kien qieghed ikellem lil Anton Baldacchino. Ix-xhud kompla jghid illi ra lill-imputat imiss sidru b'idejh it-tnejn u ghalhekk jista jghid illi l-imputat ma kellu l-ebda tazza f'idejh meta kien qieghed ikellem lil Anton Baldacchino. Ix-xhud kompla jghid illi ma ra lil hadd jipprova jissepparahom. Pero' ra lil xi nies illi hargu lil Anton Baldacchino mill-bar.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu, cioe' ikkaguna

hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Anton Baldacchino billi tah daqqa ta' tazza f'wiccu u ikkagunalu griehi ta' natura gravi. Huwa jinsab akkuzat ukoll illi kellu f'idejh tazza li giet uzata bhala arma irregolari sabiex jigi imsawwat biha Anton Baldacchino kif ukoll talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bil-hsejjes jew ghajjat.

Illi d-difiza resqet il-linja difenzjonali tal-legittima difeza jew inkella tal-provokazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-legittima difeza l-Qorti rat l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali u dana sabiex tara jekk jirrizultawx l-estremi kollha ghall-applikazzjoni tal-iskriminanti tal-legittima difeza.

Illi mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista jinvoka dan l-Artikolu. Il-Ligi titkellem car dwar il-bzonn attwali tal-legittima difeza ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Illi kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu stabbilit illi sabiex wiehed jista jinvoka din l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevittabli. L-element tal-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista b'mod ragonevoli jigi hekk

evitat imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod illi jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku.

Illi l-Artikolu 223 tal-Kap. 9 jitkellem dwar il-bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor.  Illi fil-kaz odjern irrizulta illi dak illi ghamel Anton Baldacchino kien illi kisser it-toilet tal-bar tal-imputat.  Illi l-Ligi ma titkellimx dwar il-bzonn attwali tad-difiza tal-proprjeta imma titkellem dwar il-bzonn attwali tal-legittima difiza tal-persuna ta' dak li jkun jew inkella ta' haddiehor.  Illi ghalhekk huwa car daqs il-kristal illi fil-kaz odjern certament ma tista qatt tapplika l-iskriminati tal-legittima difiza u dana peress illi Anton Baldacchino bl-ebda mod ma irrizulta li kien ser jagredixxi l-persuna tal-imputat jew ta' haddiehor.

Illi dak illi gara kien illi Anton Baldacchino kisser it-toilet tal-bar tal-imputat u meta l-imputat bir-ragun kollu irrabjat hafna staqsa lil Anton Baldacchino ghaliex kien ghamel hekk Anton Baldacchino kien urih illi speci ma jimpurtahx u ammetta mieghu illi iva kien kissirlu t-toilet hu.

Illi peress illi ma tista qatt tapplika l-iskriminanti tal-legittima difiza f'dan il-kaz lanqas allura l-Qorti ma ghandha ghalfejn tikkunsidra l-linja tad-difiza illi seta kien hemm xi eccess ta'

legittima difeza una volta ma tapplikax l-legittima difiza lanqas ma jista japplika l-eccess tal-legittima difeza.

Illi l-Qorti issa sejra tezamina t-tielet linja tad-difiza u cioe' dik illi l-imputat agixxa taht provokazzjoni u dana peress illi fil-hin illi gie kommess ir-reat in kwistjoni huwa kien gie ipprovokat peress illi Baldacchino kien kissirlu t-toilet tal-bar u kien ghadu kif ammetta mieghu illi kien ghamel hekk.

Illi sabiex provokazzjoni tista titqies bhala skuzanti jridu jigu sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-provizo tal-paragrafu (c) tal-Artikolu 227. Fost dawn ir-rekwiziti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali illi f'wiesa tal-parametru ordinarju komunement iggib l-effett li ma il-persuna kapaci li ma tkunx tqis il-konsegwenzi tad-delitt. Ghaldaqstant il-kriterju huwa wiehed oggettiv.

Illi l-Qorti qeghda tqis ghal din il-fini l-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 peress illi certament ma japplikawx il-paragrafi (a) (b) u (d) tal-Artikolu 227 tal-Kap. 9.

Illi mill-kumpless tal-provi il-Qorti hija sodisfatta illi dawn l-atti ta' provokazzjoni, cioe' meta Anton Baldacchino kisser it-toilet tal-bar in kwistjoni sehhew bizzejjed qabel il-glieda b'mod illi japplika l-Artikolu 235 tal-Kodici Kriminali illi

jipprovdi jekk ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti qeghda ticcita is-sentenza moghtija mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-26 ta' Awissu, 1998 fil-kawza "Il-Pulizija kontra Augusto Auguliaro" fejn il-Qorti kienet qalet li ma jiswewx lill-hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza. F'dan il-rigward il-Qorti iccittat l-Artikolu 235 tal-Kodici Kriminali.

Illi li kieku l-imputat qabad lil Anton Baldacchino fil-fatt meta kien qieghed ikissirlu t-toilet u inqalghet il-glieda hemm hekk allura l-imputat seta jinvoka d-difiza tal-provokazzjoni. Pero' fil-kaz odjern nafu li l-imputat gie infurmat illi kien inkissirlu t-toilet tal-bar, telgha fuq sabiex jara l-hsarat kagunati, nizel isfel, beda jistaqsi min kienet il-persuna responsabbli ghal dawn il-hsarat. Il-hbieb tieghu indikawlu min hu u hu mar fuqu u kien hemm hekk illi inqalghet il-glieda u b'hekk il-Qorti hija sodisfatta li certament il-glieda ma sehhitx fl-istess mument meta kienu qeghdin isiru l-hsarat in kwistjoni.

Illi certament ma jirrizultax illi l-imputat kien ipprovokat peress illi l-imputat seta' sofra xi attentat ta' ferita gravi. Nafu illi kien l-imputat li mar fuq Anton Baldacchino, nafu illi beda jkellmu u jirrabja mieghu u nafu wkoll fuq ammissjoni tal-istess imputat illi huwa xejjirlu daqtejn ta' ponn f'wiccu u b'konsegwenza ta' hekk Anton Baldacchino waqa mal-art.

Illi ma ghandna l-ebda xhud illi qalilna illi kien Anton Baldacchino illi sawwat b'xi mod lill-imputat.

Illi wara li l-Qorti stabbilit li ma japplikawx la d-difiza tal-legittima difeza u lanqas dik tal-provokazzjoni l-Qorti sejra issa tara jekk gietx ippruvata l-ewwel akkuza u effettivament mill-istess stqarrija tal-imputat irrizulta illi l-istess imputat xejjer daqtejn ta' ponn f'wicc Anton Baldacchino. B'konsegwenza ta' hekk Anton Baldacchino sofra offiza gravi u dan a terminu tal-Artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.

Illi d-difiza sostniet illi ma jistax jigi stabbilit illi Anton Baldacchino sofra offiza gravi peress illi sabiex jirrizulta l-isfregju il-Qorti trid terga tara lil Anton Baldacchino wara certu perjodu taz-zmien. Illi f'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Imhallef Vincent Degaetano fil-5 ta' Frar, 1998 fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra

Fortunato Sultana" fejn gie stabbilit li una volta jirrizulta illi xi hadd sofra offizi ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali u dana peress li dak li jkun jkun garrab sfregju illi jipperdura ghal xi zmien partikolari sfregju fil-wicc anke ta' ftit granet jibqa sfregju ghall-finijiet ta' din l-imsemmija disposizzjoni. Il-Qorti dakinhar qalet hekk :
*"Il-permanenza tal-isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha offiza gravissima skond l-Artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici Kriminali. Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni izda hu ta' offiza gravi minhabba sfregju".* L-isfregju certament f'dan il-kaz kien jezisti.

Illi l-Qorti rat ir-ritratti li gew esebiti ta' Anton Baldacchino, rat ukoll lil Anton Baldacchino meta tela jixhed fuq il-pedana tax-xhieda u certament jirrizulta u dan anke minn certifikati medici, kif ukoll mix-xhieda tal-istess tabib illi iccertifikat dawn l-offizi bhala ta' natura gravi illi Anton Baldacchino kien garrab sfregju f'wiccu tort tal-incident in kwistjoni.

Illi fil-fatt l-Avukat Generali semma l-Artikoli 216 tal-Kodici Kriminali fil-paragrafu (a) tan-Nota tieghu tal-29 ta' Novembru, 1999 u fil-fatt huwa dan ir-reat illi gie ippruvat mill-Prosekuzzjoni u certament ma irrizultax illi Anton Baldacchino soffra ferita ta' natura gravissima.

Ghaldaqstant mhumiex applikabbli l-Artikoli 217 jew 218 tal-Kodici Kriminali.

Illi it-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-konfront tal-imputat peress illi hemm konflitt ta' provi dwar jekk l-imputat kellux tazza f'idejh fil-mument illi sawwat lil Anton Baldacchino. Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat minn din it-tieni imputazzjoni. Tilliberrah ukoll mit-tielet imputazzjoni peress illi fil-hin illi sehhet il-glieda din ma sehhitx barra t-triq imma f'bar storbjuz hafna u dan anke fuq xhieda tal-istess Ufficjal Prosekutur u ghaldaqstant ma jirrizultax li kien hemm il-ksur tal-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew bl-ghajjat.

Illi in rikapitalazzjoni l-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel imputazzjoni b'dana pero' illi huwa applikabbli biss **l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali** u qeghda tilliberrah mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet illi ma gewx ippruvati.

Illi ghall-fini ta' piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghaldaqstant mhuwiex il-kaz illi tigi applikata piena karcerarja fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 216 u 28A tal-Kap. 9

tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta' tlett xhur sopsiza ghal sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu fl-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat illi ghalih hemm piena ta' prigunerija.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur